MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF
## VICTOR J. CARUANA COLOMBO

Seduta ta' l-14 ta' Diċembru, 2001

Dottor Emanuel George Cefai

kontra

Onorevoli Prim Ministru, Ministru tax-Xoghlijiet Pubblici, u Awtorita` ta' l-Ippjanar, u b'digriet tat-30 ta' Novembru 2001 il-"Ministru tax-Xoghlijiet Pubblici" gie sostitwit bil-"Ministru ghall-Ambjent"

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' Dottor Cefai li jghid hekk:

“Illi l-esponent ressaq ilment quddiem dan l-Onorabbli Tribunal permezz ta' rikors sabiex tigi investigata ingutizzja kommessa mill-intimati jew min minnhom fil-konfront tar-rikorrent, u dan ai termini ta' l-Att Numru VIII ta' l-1997.

Illi bazikament, l-ilment kien li l-awtoritajiet kompetenti imxew b'mod diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrent f'dak li jirrigwardaw permessi ta' bini, b'dan li r-rikorrent gie svantaggjat meta paragonat ma' terzi.. L-intimati Onorevoli Prim Ministru u Onorevoli Ministru ta' l-Ambjent eccepew li huma mhumiex legittimi kontraditturi stante li d-decizjonijiet mehuda fil-passat mill-awtoritajiet kompetenti m'ghandhom xejn x'jaqsmu maghhom huma. L-intimata Awtorita` ta' l-Ippjanar bazikament qajjmet tliet eccezzjonijiet mifruxa fuq diversi paragrafi, u cioe`: in-nullita` tar-rikors promotur stante li dan huwa vag u m'hemmmx specifikazzjoni ta' l-ilmenti tieghu partikolari; it-tieni gie eccepit li r-rikorrent ghamel diversi rikorsi fejn fosthom hemm rikors numru 1032/97 li huwa simili ghal dak odjern; u t-tielet eccezzjoni hi li r-rikorrent ma jistax jitlob kumpens sa Lm5,000 gialadarba ma gewx specifikati l-ilmenti tieghu.
Illi r-rikorrent intavola numru ta' rikorsi ohra quddiem dan l-Onorabbli Tribunal u jista' jaghti l-kaz li fit-trattazzjoni ta' dawn il-kawzi saret konfuzjoni bejn il-pozizzjoni legali ta' rikors partikolari mal-pozizzjoni legali ta' rikors iehor jew ohra.

Illi f'seduta tad-9 ta' Frar 2000 Dottor Paul Micallef ghall-Awtorita` ta' l-Ippjanar u Dottor Peter Borg Costanzi ghall-Gvern irrilevaw li seta' jaghti l-kaz li kif kien ir-rikors promotorju ma kienx validu ghax kien vag wisq. Dak inhar, gustament, dan l-Onorabbli Tribunal deherlu li fuq il-principju li kemm jista' jkun jigu salvati l-Atti u fuq il-principju li sa fejn hu possibbli atti ma jigux dikjarati nulli, applika Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sens li ordna lir-rikorrent jipprezenta **nota spjegattiva** rigwardanti l-ilment tieghu, u akkordat lill-kontroparti taghmel nota responsiva. Il-kawza thalliet ghat-28 ta' Gunju 2000 ghall-**kontinwazzjoni.**

Illi r-rikorrent intavola biss Nota Spjegattiva kif ordnalu dan it-Tribunal, **u mhux Nota ta' Sottomissjonijiet** dwar jekk ir-rikors promotorju kienx null jew le. Di fatti bid-decizjoni ta' dan l-istess Tribunal li jitlob lir-rikorrent biex b'nota jispjega f'aktar dettall l-ilment tieghu, kien qed jiddeciedi li l-att kien ser jigi salvat u sanat. Kieku m akienx hekk, l-

esponent ma kienx jigi mistieden jissottometti **Nota Spjegattiva,** izda **Nota ta' Sottomissjonijiet**; u kieku l-kawza ma kinitx tithalla **ghall-kontinwazzjoni,** izda **ghat-trattazzjoni jew ghas-sentenza** fuq l-eccezzjoni tan-nullita`.

Illi l-Awtorita` ta' l-Ippjanar, flok irrispondiet ghall-ilmenti tar-rikorrent kif spjegati, irrispondiet fis-sens li minkejja t-triq li ghazel li jiehu dan it-Tribunal, baqghet tinsisti li r-rikors huwa null. L-intimati l-ohrajn ma kellhomx x'jirrispondu ghan-nota spjegattiva tar-rikorrent.

Illi l-esponent hassu sorpriz kif fis-seduta tat-28 ta' Gunju 2000, it-Tribunal dawwar ir-rotta lura, talab lill-intimati l-ohra jintavolaw Nota ta' sottomissjonijiet u l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni tan-nullita`. A skans ta' repetizzjoni l-esponent jaghmel referenza ghan-nota responsiva tieghu ghas-sottomissjonijiet li ghamel l-Onorevoli Prim Ministru u l-Onorevoli Ministru ta' l-Ambjent.

Illi dan l-Onorabbli Tribunal ghadda ghad-decizjoni u b'sentenza ta' l-1 ta' Marzu 2001 dan it-Tribunal iddecieda li **'Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni ta' l-intimat li l-ilment huwa null. Spejjez kontra r-rikorrent.'** L-esponent hassu aggravat b'din is-sentenza ghaliex huwa car u manifest li din id-decizjoni giet ibbazata fuq nuqqas ta' applikazzjoni ta' ligi li kienet applikabbli fic-cirkostanzi, liema zball jaghti lok ghal **Ritrattazzjoni a bazi ta' artikolu 811 subinciz (e) tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili (Kap 12) li jawtorizza ritrattazzjoni f'kaz li s-sentenza li minnha tintalab ritrattazzjoni tkun applikat il-ligi hazin.**

Dwar dan issir referenza ghall-kawza ta' ritrattazzjoni deciza minn dan l-Onorabbli Tribunal fit-30 ta' Mejju 2000 fl-ismijiet <u>Austin Borg vs Kap Kmandant tal-Forzi Armati</u> (Rikors Nru 1259/2000).

Illi l-applikazzjoni hazina tal-ligi avverat ruhha f'zewg istanzi fis-sentenza li minnha hawn qed tintalab ritrattazzjoni.

**A.** Illi l-ewwel applikazzjoni hazina tirrizulta minn nuqqas, bir-rispett kollu, ta' dan it-Tribunal li jimxi mal-principju ***scelta una via non datur recursus ad alteram.*** Dan it-Tribunal l-ewwel talab li ssir Nota Spjegattiva biex ir-rikors promotur jigi salvat, u l-kawza thalliet ghall-**kontinwazzjoni.** Imbaghad f'daqqa wahda, wara li l-Awtorita` ta' l-Ippjanar insistiet fuq in-nullita`, dan it-Tribunal rega' lura mid-decizjoni li ha, u ghadda biex jiddeciedi fuq n-nullita` tar-rikors. Fis-sentenza tieghu dan it-Tribunal jgid (pagna 7) li "L-iskop tat-Tribunal fil-verbal tad-9 ta' Frar 2000 biex ir-rikorrent jipprezenta nota spjegattiva kien halli jkun jista' jikkomprendi **ahjar** dak li **gja kien fih ir-rikors,** kif wara kollox isir f'kull kaz meta jigi prezentat affidavit tar-rikorrent..." Bir-rispett kollu wiehed bil-fors ikollu jistaqsi ghalxiex kien hemm bzonn ta' nota spjegattiva jekk il-kwistjoni tan-nullita` o meno tar-rikors promotur tiddependi **<u>biss</u>** mill-kontenut ta' l-istess rikors promotur?

L-analogiija li ghamel dan l-istess Tribunal ma' l-affidavit huwa propizju, ghax di fatti r-rikorrent jaghmel l-affidavit tieghu fuq il-mertu wara li jkunu diga` gew sorvolati l-eccezzjonijiet legali preliminari.

Illi fit-tieni lok, anke kieku t-Tribunal mill-bidu nett qabad ir-rotta li jiddeciedi fuq in-nullita` o meno tar-rikors promotur, xorta hemm dispozizzjonijiet tal-ligi li mhux biss jippermettu izda li **jitolbu** li sa fejn hu legalment possibbli, att ghandu jigi sanat u salvat.

Illi kwestjonijiet ta' nullita` huma regolati artikolu 789 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Wiehed ghalhekk ikollu jezamina jekk il-fatt li r-rikors promotur kien vag igibx nuillita taht subinciz (1)(d) li jghid **'jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarita` essenzjali espressament mehtiega mil-ligi.'** Wiehed ghalhekk ikollu jezamina jekk dak li qed jissejjah 'nuqqas' jiksirx xi dispozizzjoni ta' artikolu 7 ta' Att VIII ta' l-1997 insemmi li jghid li:-

**(1) L-ilmenti quddiem it-Tribunal jitressqu permezz ta' rikors sostanzjalment fl-ghamla stabbilita fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att.**

**(2) Ir-rikors ghandu jkun fih dikjarazzjoni dwar il-fatti li fuqhom ikun imsejjes u ghandu jkun imsieheb b'elenku tax-xhieda...**

Illi t-Tieni Skeda abbinata ma' dan artikolu 7 tispecifika kif ghandu jsir ir-rikors u titlob li l-fatti tal-kaz jinghataw fil-qosor. Imkien ma jissemma' li f'kaz ta' lmenti rigwardanti permessi ghandu jinghata dettall ta' l-applikazzjoni li tkun saret: in-nullita` hija mizura estrema u ma tistax tinghata b'mod laxk. Il-principju fondamentali mhaddan minn hafna sistemi legali inkluza taghna hu li sakemm ikun possibbli l-atti ghandhom jigu salvati, u dwar dan wiehed jista' ma jispicca qatt jikkwota gurisprudenza ta' diversi Qrati Maltin.

Illi hawnhekk qed tintalab ritrattazzjoni ghaliex dan l-Onorabbli Tribunal m'applikax id-dispozizzjonijiet tal-ligi li kienu applikabbli ghall-kaz odjern:-

– L-ewwel u qabel kollox kellu jigi applikat il-principju li sa fejn hu possibbli, l-atti tal-Qorti jigu salvati, u ghalhekk dan it-Tribunal kellu jara jekk l-atti prezentati setghux jigu salvati, u f'kaz li jezisti rimedju dan kellu jigi applikat; dan principalment johrog mill-proviso ta' Artikolu 789 subinciz (1) li j ghid li **"l-eccezzjoni tan-nullita` kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c) u (d) ta' dan is-subartikolu ma tkunx tista' tinghata jekk dan in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull dispozizzjoni ohra tal-ligi"**;

– U fit-tieni lok it-Tribunal kellu ghad-dispozizzjoni tieghu kull rimedju li tipprovdi l-ligi tal-procedura bl-applikazzjoni ta' artikolu 15 ta' Att VIII ta' l-1997 li jghid li "Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att, id-dispozizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li ghandhom x'jaqsmu mal-prattika u l-procedura quddiem il-Qorti Civili li ghandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis* ghal kull prattika u procedura quddiem it-Tribunal." Ghalhekk bir-rispett kollu jinghad li dan it-Tribunal kien obbligat jirrikorri ghal artikolu 175 ta' Kap 12 fejn bl-applikazzjoni tieghu huwa kellu l-fakolta` li jordna li "jissewwa kull zball

iehor jew billi jiddahhlu hwejjeg ohra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata.

Illi ghalhekk, f'kawza fejn ir-rikors promotur ikun vag wisq, l-applikazzjoni korretta tas-sucitati dispozizzjonijiet tal-ligi hija li r-rikorrent jigi ordnat jaghmel nota spjegattiva li fiha jiddahhlu dawk il-hwejjeg ta' fatt li dan it-Tribunal joghgbu jitlob minn ghand ir-rikorrent. B'hekk dak l-att jigi salvat. **Hekk gara fil-kaz odjern: l-att gie salvat, izda mbaghad it-Tribunal reggha ghadda biex jiddikjarah null!**

**B.** Illi, fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost,fir-rigward tar-rekwiziti essenzjali tar-rikors promotur, jinghad li fi kwalunkwe kaz ir-rikors promotur odjern xorta kien jissodisfa r-rekwiziti rudimentali elenkati f'Att VIII ta' l-1997.

Illi r-rekwiziti stabbiliti li jiddeterminaw jekk ilment jaqax taht il-kappa ta' l-Att in kwistjoni huma erbgha u cioe` (1) li tigi kwalifikata l-ingustizzja fis-sens ta' hijiex kwistjoni ta' distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita, u f'dan il-kaz gie stabbilit li kien hemm distinzjoni, (2) li jinghad dwar x'hiex, u f'dan il-kaz gie stabbilit li qed nitkellmu fuq premessi, (3) li dan l-ilment ikun kopert bil-gurisdizzjoni kif kwalifikata b'artikolu 6 imsemmi, u f'dan il-kaz hemm is-subinciz (1)(d) li propju jitkellem fuq licenzji jew permessi mehtiega bil-ligi, u (4) li l-ilment jirrigwarda ingustizzja li saret bejn Mejju 1987 u Mejju 1995, u dwar dan m'hemmx kontestazzjoni.

Illi l-ilment tar-rikorrent hu li in konnessjoni ma' permessi ta' bini, l-intimati kienu jiehdu decizjonijiet li kienu diskriminatorji u jpogguh fi zvantagg meta paragonat ma' terzi. Daqshekk kien bizzejjed. Hawnhekk l-esponent jerga' jaghmel referenza ghal dak li huwa ssottometta fin-Nota responsiva tieghu ghan-Nota ta' l-Onorevoli Prim Ministru fejn b'dettal wera li Att VIII ta' l-1997 mkien ma rrikjeda li r-rikors promotur ikun fih xi dettalji partikolari, anzi jitlob li l-fatti jissemmew fil-qosor. Ir-rekwiziti bazilari mehtiega fir-rikors promotur kienu sodisfatti, u jekk kien jehtieg aktar informazzjoni, din l-informazzjoni inghatat

mill-esponent fin-Nota Spjegattiva minnu prezentata fuq talba tat-Tribunal.

Ghaldaqstant fil-waqt li jaghmel referenza ghall-atti kollha tar-rikors 1099/97 u xhieda producibbli, l-esponent jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jannulla d-decizjoni moghtija fl-1 ta' Marzu 2001 minn dan l-istess Tribunal fl-ismijiet premessi, u a tenur ta' artikolu 820 ta' Kap 12 jghaddi biex jitratta l-kaz fuq il-mertu."

Ra r-risposta ta' l-intimati l-Onorevoli Prim Ministru u l-Ministru ghall-Ambjent, li tghid hekk:

"1. Preliminarjament in-nullita` ta' l-azzjoni stante illi l-procedura korretta ghandha tkun permezz ta' citazzjoni u mhux permezz ta' rikors (Art 815 tal-Kap 12).

2. Fit-tieni lok l-azzjoni wkoll hija nulla stante illi din mhix preceduta minn ittra ufficjali jew protest gudizzjarju kir irid l-Art 460 tal-Kap 12.

3. Illi fit-tielet lok jinghad li ma jirrizultawx l-kweziti ghal ritrattazzjoni. Il-ligi giet korrettement applikata u f'kull kaz, l-aggravji tar-rikorrenti ma jinkwadrawx ruhhom taht il-kweziti tal-ligi. F'kull kaz, il-kawza segwiet iter u mxiet pass, pass. Meta l-kawza giet differita ghas-sentenza, il-giet debitament trattata u dan billi kienet qed issir insistenza li tinghata sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari. Kien evidenti wkoll, stante illi l-eccezzjoni giet akkolta, li l-Ewwel Onorabbli Tribunal hass illi ma kienx il-kaz li jigu applikati d-dispozizzjonijiet ta' l-Art 175 tal-Kap 12.

4. Illi l-Ewwel Onorabbli Tribunal kien korrett meta ikkonkluda illi r-rikors promotur ma kienx fih "fatti li fuqhom huwa msejjes" kif irid l-Art 7 ta' l-Att VIII tal-1997 u li ghalhekk kien null.

Konsegwentement ir-rikors ghandu jigi michud bl-ispejjez."

Ra r-risposta ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar li tghid hekk:

"Illi l-istess decizjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji hi gusta u timmerita konferma;

Illi preliminarjament, ir-ritrattazzjoni hi nulla stante li jekk tkun ibbazata fuq l-artikolu 8(1)(e), din m'ghandhiex tkun fuq interpretazzjoni ta' ligi kif deciza fid-decizjoni, kif kien il-kaz de quo;

Illi fi kwalunkwe kaz, skond gurisprudenza illum ormai stabbilita, l-istess Awtorita` ta' l-Ippjanar a bazi ta' l-Att I ta' l-1992, mhux is-successur tal-PAPB u d-decizjoni tat-Tribunal ta' l-1 ta' Marzu 2001 hi gusta uu timmerita konferma;

Illi fil-mertu, kif diga gie sottomess mill-esponent quddiem it-Tribunal, ir-rikors originali tar-rikorrent kien null u bla effett stante li l-kaz li minnu kien qieghed jilmenta l-istess rikorrent lanqas biss kien gie specifikat, u f'dan il-kuntest issir referenza ghar-risposta ta' l-esponent ghar-rikors originali;

Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess atturi."

Ra n-nota tas-7 ta' Awissu 2001 li biha l-Prim Ministru u l-Ministru ghall-Ambjent irrinunzjaw ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet taghhom.

Ra l-atti l-ohrajn, komprizi dawk tar-rikors numru 1099/97 deciz mit-Tribunal fl-1 ta' Marzu 2001.

Trattata l-kawza, jikkonsidra illi:

1. Bis-sentenza attakkata, dik ta' l-1 ta' Marzu 2001 fuq imsemmija, dan it-Tribunal laqa' l-eccezzjoni fis-sens li r-rikors promotur ma kienx jikkontjeni sufficjentement il-fatti li fuqhom kellu jkun imsejjes ir-rikors, u ddikjara "li l-ilment huwa null."

2. Ir-rikorrent qieghed jitlob ir-ritrattazzjoni tar-rikors originali fuq il-motiv kontemplat fl-artikolu 811(e) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap 12. Dan

jiddisponi li kawza tista' tigi ritrattata jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin. Ghal dan il-fini, "jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-Qorti tkun tat decizjoni."

3. Fir-rikors odjern Dottor Cefai jissottometti li l-ligi giet applikata hazin l-ewwel nett ghar-raguni segwenti. Fl-udjenza tad-9 ta' Frar 2000 l-intimati ssottomettew li r-rikors kien vag b'mod li kien hemm il-possibbilta` tan-nullita` ta' l-istess rikors. Wara din is-sottomissjoni t-Tribunal, b'digriet ta' l-istess data, akkorda lir-rikorrent li jipprezenta nota spjegattiva ta' l-ilment. Din in-nota giet sussegwentement prezentata. Ir-rikorrent issa jissottometti li bil-fatt li t-Tribunal tah il-fakolta` li jipprezenta dik in-nota, it-Tribunal kien qieghed "jiddecidi li l-att (ir-rikors promotorju) kien ser jigi sanat u salvat." Fis-sentenza attakkata t-Tribunal indika li l-iskop tieghu b'dak id-digriet kien "halli jkun jista' jikkomprendi ahjar dak li ga kien fih ir-rikors..." Jigifieri it-Tribunal ma ha ebda decizjoni, u ma implika li kien se jiehu ebda decizjoni, li jissana r-rikors tar-rikorrent. Madankollu, kien x'kien il-hsieb tat-Tribunal bil-ghoti tad-digriet imsemmi, dan ma jwassal ghal ebda konkluzjoni li saret applikazzjoni zbaljata tal-ligi b'mod li tiggustifika r-ritrattazzjoni.

4. Ir-rikorrent jissottometti wkoll li t-Tribunal, jekk deherlu li r-rikors promotur kien null, kellu jissanah bl-applikazzjoni ta' l-artikoli 789 u 175 tal-Kap 12. F'dan ir-rigward ghandu jinghad li n-nullita` tar-rikors dikjarata fid-decizjoni impunjata hija ovvjament tax-xorta kontemplata fil-paragrafu (d) ta' l-imsemmi artikolu 789, jigifieri dik in-nullita` kawzata mill-fatt illi "l-att ikun nieqes minn xi partikolarita` essenzjali espressament mehtiega mil-ligi." Skond dan l-artikolu 789, att affett b'din ix-xorta ta' nullita` ghandu jigi sanat jekk in-nuqqas ikun jista' jissewwa taht kull dispozizzjoni ohra tal-ligi. Tali dispozizzjoni ohra, f'dan il-kaz, tidher li tista' tkun biss dik prevista fl-artikolu 175 Kap 12.

5. Dan l-artikolu 175, fl-inciz (1) tieghu, ighid li l-Qorti "tista' ...wara talba ta' wahda mill-partijiet... tippermetti tibdil fl-iskritturi... billi jiddahhlu hwejjeg ohra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata, sakemm... tibdil bhal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza." Jigi notat l-ewwel nett li ma jirrizultax mill-atti li saret talba ghaldaqshekk minn xi parti. It-tieni, l-akkoljiment mit-Tribunal ta' talba tali huwa fakoltattiv, b'mod li d-decizjoni tieghu fir-rigward hija insindikabbli f'din l-istanza. Ghalhekk il-fatt li t-Tribunal ma ddecidiex li jissana r-rikors ma jikkostitwix applikazzjoni zbaljata tal-ligi.

6 Ir-rikorrent jissottometti fl-ahhar nett li r-rikors promotur "jissodisfa r-rekwiziti rudimentali elenkati fl-Att VIII ta' l-1997." Dan huwa kontra dak li gie ritenut fid-decizjoni attakkata. Din pero` hija kwistjoni ta' interpretazzjoni tal-ligi, u precizament ta' l-artikoli 6 u 7 ta' l-Att VIII ta' l-1997, fuq liema interpretazzjoni t-Tribunal iddecieda espressament fid-decizjoni attakkata. Ghalhekk, kif jiddisponi espressament l-artikolu 811(e) Kap 12, ir-ritrattazzjoni mhix ammessa bil-ligi.

Ghall-motivi premessi, jichad it-talbiet tar-rikorent bl-ispejjez kollha kontra tieghu.

-------------------------------TMIEM-------------------------------